MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2007

Numru 342/2004

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Mario Bonello)**

**kontra**

**Keith Pace**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet kontra Keith Pace ta’ 23 sena bin Lawrence u Emanuela nee Vella mwieled Pieta’ fl-10 ta’ Lulju 1980 u joqghod 49 Triq Stiefnu Zerafa Marsa u li ghandu l-karta ta’ l-identita’ bin-numru 327480(M)

akkuzat talli:

2. (a) Fit-8 t’April 2004 g]all-]abta tas-7.00 p.m. fil-Marsa ]ebb g]al Noel Pepe u kkagunalu griehi ta’ natura hafifa skond kif iccertifika Dr.J C Abela M.D. mic-Centru tas-Sahha, l-Furjana;

(b) u aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, g]amel ]sara jew gharraq hwejjeg hadd iehor mobbli jew immobbli liema hsara hija izjed minn mitt lira Maltija izda anqas minn hames mitt lira Maltija ghad-detriment ta’ Noel Pepe;

(a) u aktar talli fl-istess zmien, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-pa`i pubblika b’ghajjat u glied jew b’xi mod iehor;

(d) u aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra Noel Pepe u l-familja tieghu sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmel hsara lil dawn il-persuni;

(e) u aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi qal kliem oxxen u fahxi li jikkonsisti f’dagha pubbliku;

3. Il-Qorti ntalbet li f’kaz ta’ sejbien ta’ htija, barra l-piena torbot lill-imputat b’obbligazzjoni lejn ma jaghmel ebda deni lil Noel Pace u l-familja tieg]u.

4. Rat l-atti kollha tal-process, inkluz ic-certifikat tat-twelid ta’ l-imputat (3274 ta’ l-1980), il-fedina penali ta’ l-imputat, il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji, in-nuqqas ta’ oggezzjoni ta’ l-imputat biex dawn il-pro`eduri jkunu sommarji, it-traskrizzjoni tax-xhieda moghtija fil-25 t’April 2007, l-ammissjoni ta’ l-imputat ghall-imputazzjonijiet (b), (c)u (e) maghmula mill-imputat fis-seduta tal-25 t’April, 2007.

5. Semghet ix-xhieda bil-gurament.

6. Semg]et lill-allegat vittma jixhed fis-seduta tal-25 t'April 2007 fejn huwa ]afer lill-imputat ghall-griehi hfief li kien ghamel l-imputat fl-incident imsemmi fl-ewwel imputazzjoni.

Ikkonsidrat

7. Li fl-ewwel imputazzjoni kien hemm akkuza ta' griehi hfief. Ai termini ta' l-artikolu 221(4) tal-Kap 9, jekk titne]]a l-kwerela, kif fil-fatt tara f'dan il-kaz, il-proceduri ma jittiehdux u, jekk ikunu bdew, jieqfu.

8.Effettivament din l-imputazzjoni hija marbuta ma' l-imputazzjoni immarkata (d).

9. Ghaldaqstant, il-Qorti qed tiddeciedi li:

(a) Galadarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet (b), (c), u (d), dawn huma ippruvati skond il-Ligi.

(b) Galadarba saret il-mahfra mill-allegat vittma u, Galadarba hemm rabta bejn l-imputazzjoni (a) u (d), il-Qorti mhix qed tiehu konjizzjoni ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet.

10. Matul il-provi kien konstatat ukoll li d-danni kienu jammontaw ghal madwar Lm150 u kien sar ftehim dwar dan l-ammont.

**Konkluzjoni.**

11. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 221(4), 325(1)(b), 338(dd), 339(1)(e) u 338(bb) tal-Kap 9 qed issib lill-imputat ]ati ta' l-imputazzjonijiet (b), (c) u (e) waqt li mhix tiehu konjizzjoni ta' l-imputazzjonijiet (a) u (d) ghar-raguni moghtija aktar 'il fuq.

12. Dwar il-piena, il-Qorti qieset dawn il-fatturi:

(i) li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet (b),(c) u (e) u
(ii) li l-allegat vittma hafer lill-imputat.

13. Ghalhekk qed tipprovdi kif gej:

(i) Ghall-imputazzjoni (b), flok qed tikkundanna lill-imputat qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat fi zmien tmintax-il xahar mil-lum. Il-Qorti qed twissi lill-imputat dwar il-konsegwenzi jekk l-imputat jikser din il-kundizzjoni.

(ii) Ghall-imputazzjonijiet (c) u (e) il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat i]allas ammenda komplessiva ta’ tletin lira Maltija (Lm30).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------